



Tiġdid tal-mandat ta' Alfredo Calot Escobar bħala Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fis-27 ta' Ottubru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja ġeddet il-funzjonijiet ta' Alfredo Calot Escobar, Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2010, għal mandat ta' sitt snin, jiġifieri għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2016 u s-6 ta' Ottubru 2022.

Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa wkoll is-Segretarju Ġenerali tal-istituzzjoni, jinħatar mill-Imħallfin u mill-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja għal perijodu ta' sitt snin li jista' jiġġedded.

Curriculum vitae

Imwieled fl-1961, A. Calot Escobar ggradwa fid-dritt mill-Università ta' Valencia (1979-1984). Huwa ħadem bħala analista kummerċjali fi ħdan il-Kunsill tal-kmamar tal-kummerċ tal-Comunidad autónoma ta' Valencia sal-1986, meta beda jaħdem bħala ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, fejn mill-1990 sar ġurista reviżur qabel ma nħatar, fl-1993, amministratur fid-dipartiment tal-istampa u tal-informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-1995 huwa mar jaħdem mal-Parlament Ewropew bħala amministratur fi ħdan is-segretarjat tal-kumitat istituzzjonali. Fl-1996 huwa nħatar bħala attaché mar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u okkupa din il-pożizzjoni sal-1999, meta ġie kkollokat bħala référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa kien il-kap tad-diviżjoni ta' traduzzjoni tal-lingwa Spanjola tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-2000 sal-2001, u wara nħatar direttur, u mbagħad direttur ġenerali, tat-traduzzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja, funzjonijiet li okkupa sas-7 ta' Ottubru 2010, meta ġie elett bħala Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355